Għażiż Sur Trevor Żahra,

Qed niktiblek din l-ittra dwar il-ktieb *Qrempuċu f'Belt il-Ġobon*. Kemm ħadt gost naqra din l-istorja! Anke l-films li għamlu ż-żewġ żgħażagħ Mark u Nicholas għoġbuni wisq!

Qrajt ukoll il-ktieb *Il-Ħrejjef kollha ta' Wied Peprina.* Jien nixtieq nirrakkontalek il-film dwar il-ktieb 'Qrempuċu f'Belt il-Ġobon'.

"Mela darba Qrempuċu beda joħlom ħolma sabiħa dwar il-ġobon. Fid-daqqa u l-ħin ħabbatlu l-bieb iżda xħin qam jiftaħ ma sab lil ħadd. Għalaq il-bieb warajh u mar passiġġata. Ra l-qamar forma ta' ġobna. Qrempuċu beda jħoss żaqqu tgorr bil-ġuħ u bla ma jaf kif, ħassu jinqata' mill-art u jtir 'il fuq. Hemm ra l-qamar direttament u beda jiekol minnu mingħajr ma ħaseb x'jista' jiġrilha d-dinja."

Nittama li ħadt gost taqra din l-ittra.

Grazzi ħafna.

Tislijiet,

Nicole Psaila